Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Frar 2019
(OR. en)

5820/19

CFSP/PESC 71
CSDP/PSDC 52
COAFR 16
CSC 42
EUCAP MALI 4
PSC DEC 3

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2019) |

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2019/...**

**ta' ...**

**li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2019)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/219/PESK tal-15 ta' April 2014 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) tagħha,

[1] ĠU L 113, 16.4.2014, p. 21.

Billi:

(1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2014/219/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat, sabiex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tat-tmexxija strateġika tal-missjoni EUCAP Sahel Mali, inkluż id-deċiżjoni dwar il-ħatra ta' Kap tal-Missjoni.

(2) Fit-18 ta' Settembru 2017, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/1780[1], li ħatret lis-Sur Philippe RIO bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-1 ta' Ottubru 2017 sal-14 ta' Jannar 2018.

(3) Fid-9 ta' Jannar 2018, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/57[2], li estendiet il-mandat tas-Sur Philippe RIO bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-15 ta' Jannar 2018 sal-14 ta' Jannar 2019.

---

[1] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1780 tat-18 ta' Settembru 2017 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2017) (ĠU L 253, 30.9.2017, p. 37).

[2] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/57 tad-9 ta' Jannar 2018 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/1/2018) (ĠU L 10, 13.1.2018, p. 14).

(4) Fis-17 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/2008[1], li estendiet il-mandat tal-EUCAP Sahel Mali sat-28 ta' Frar 2019.

(5) Fit-18 ta' Diċembru 2018, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/2063[2], li estendiet il-mandat tas-Sur Philippe RIO bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-15 ta' Jannar 2019 sat-28 ta' Frar 2019.

(6) Fi ..., il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/[3+]..., li estendiet il-mandat tal-EUCAP Sahel Mali sal-14 ta' Jannar 2021.

(7) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Philippe RIO bħala Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali mill-1 ta' Marzu 2019 sat-30 ta' Settembru 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2008 tas-17 ta' Diċembru 2018 li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea f'Mali (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L 322, 18.12.2018, p. 24).

[2] Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2018/2063 tat-18 ta' Diċembru 2018 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) (EUCAP Sahel Mali/2/2018) (ĠU L 329, 27.12.2018, p. 26).

[3] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/… ta'… li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea (EUCAP Sahel Mali) (ĠU L …).

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni u n-numru tas-serje ta' ST05634/19 u kkompleta n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sur Philippe RIO bħala l-Kap tal-Missjoni tal-EUCAP Sahel Mali huwa b'dan estiż sat-30 ta' Settembru 2020.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Marzu 2019.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*
*Il-President*